# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

APRIL-ĠUNJU, 1945. IL-ĦMISTAX-IL SENA Għadd 170-172.

# *IL-BIBBJA*
## *LETTERATURA U RELIGJON*

*Editorjal tal-Prof.* Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., PH.D. (LOND.)

"Siate, Cristiani, a movervi più gravi,
Non siate come penna ad ogni vento,
E non crediate ch'ogni acqua vi lavi.
Avete il vecchio e il nuovo Testamento,
E il pastor della Chiesa che vi guida:
Questo vi basti a vostro salvamento."
(Dante: *Paradiso*, V, 73-78)

*HEMM kotba li jgħaddi kemm igħaddi żmien minn fuqhom ma jeqdiemu qatt, jibqgħu dejjem sħaħ bħall-blat, kotba li d-dinja tgħożżhom għax dawn bħal lenti qawwija fid-dija tax-xemx, jiġbru ġo fihom il-għerf, il-kobor u l-intwizzjonijiet ta' bnedmin li bħalhom jidhru kull elf sena. Jonkella kotba li ma humiex miktuba minn id waħda, imma huma l-ġabra sħiħa ta' ħajja ta' poplu. Minn ta' l-ewwel insemmu nies kbar bħal Omeru, Virġilju, Dante, Shakespeare u Goethe; minn tat-tieni kitbiet bħat-*Talmud, *il-*Vedas, *iż-*Zend Avesta, *in-*Nibelungenlied, *u nies u xogħlijiet oħra ta' moħħ il-bniedem li ż-żmien ma jistax għalihom, u xejn ma jista' jeqridhom minn wiċċ id-dinja, lanqas l-eqqel invenzjonijiet qerrieda tax-xjenza materjalista. Hemm mhux biss opri ta' letteratura imma wkoll xogħlijiet oħra ta' snajja u arti bħall-armoniji tal-mużika maħruġin minn qalb l-umanità f'sigħat ta' ispirazzjonijiet helwin u drammatiċi, mużika u ħsieb, kobor tal-qalb u tal-moħħ. Mużika kbira li thenni l-qalb, tqanqal fil-moħħ il-kordi tal-ħsieb, bħar-riħ li jqanqal il-friegħi ta' siġra għammiela, u jxerred minnhom weraq u frott, mużika li magħha rabtu isimhom nies kbar bħal Beethoven, Handel, De Bussy, Brahms u Chopin, u oħrajn li ħallew warajhom melodiji li jferrħu l-qalb sewda tal-bnedmin imħarbta, l-aktar f'dawn iż-żminijiet ta' kruha, kefrija u qirda liema bħalha.*

*Imma akbar mill-*Iliade *u mill-*Enejde, *mid-*Divina Commedia *u mill-*Paradise Lost, *akbar mill-*Koran *u mill-*Vedas *u minn kull kitba bħalhom huma l-kotba mbierka fost il-kotba kol-*

*lha,* il-Kotba Mqaddsa, *li b'kelma Griega nsejħulhom ukoll il-*Bibbja. *Għax l-ewwel kotba huma sigar ġnolja, imma għeruqhom fil-ħamrija ta' d-dinja, waqt li għeruq il-kotba tal-Bibbja huma mxerrdin fl-essenza ta' Alla nnifsu għax maħruġa minnu ftit ftit tul il-ġrajja ta' eluf ta' snin mill-bidu tal-bniedem fl-Eden sal-mewt ta' Kristu fuq il-Kalvarju u wara sat-tixrid tal-Mibgħuta Tiegħu li xandru Ismu u waqqfu l-Knisja Tiegħu ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. U l-ebda mużika ta' bniedem ma tqanqal il-qalb u r-ruħ tad-dinja daqs l-Arpa ta' David.*

*Għalhekk malajr nifhmu għax il-Bibbja għaġnet u sawret il-ħsebijiet u l-ħolmiet tad-dinja ċivilizzata. Imma l-kobor u l-ġmiel tal-Bibbja mhux qiegħed biss fil-leħma ta' Alla nnifsu, imma wkoll fil-kobor u l-ġmiel tagħha bħala xogħol letterarju li jisboq ħafna lill-kotba kbar oħra tad-dinja. L-ebda dramm tad-dinja ma jpitter b'intensità hekk sublimi l-uġigħ ta' qalb il-bniedem fis-siegħa sewda ta' qtigħ il-qalb bħall-Ktieb ta'* Ġobb; *l-ebda lirika reliġjuża ma tilħaq mas-*Salmi; *l-ebda lirika ta' mħabba mal-*Canticus Cantorum, *sħuna b'immaġinazzjonijiet ħajja ta' simboliżmu Orjentali; l-ebda kitba ta' Viżżjoni profetika ma tersaq biss fejn il-ktieb ta'* Iżaija*; u jekk is-semplicità ta' l-istil narrativ hi l-ambizzjoni ta' l-aħjar kitba, għax kif ingħidu,* ars est artem celare, *l-ebda kitba ma tisboq għas-semplicità naturali tagħha lill-Kotba tal-Għaqda l-Gdida.*

*Bħal siġra kbira kbira l-Bibbja xeħtet id-dell tal-friegħi tagħha wiesgħa fuq kull ħidma tal-bnidem. L-influwenza tal-Bibbja fuq il-letteratura, pittura, mużika, u attivitajiet oħra, hi tassew kbira. Min ma jemminx ukoll ma jistax igħaddi mingħajr dal-"Ktieb fuq il-Kotba kollha", jekk irid jifhem u jidħol fir-ruħ ta' l-Ewropa Nisranija. John Milton qal:* "There are no songs to be compared with the songs of Sion, no orations equal to that of the Prophets, and no politics equal to those the Scriptures can teach us." *Isaac Newton:* "We account the Scriptures of God to be the most sublime philosophy", *u Papa Ljun XIII, li hu l-aqwa awtorità għalina l-Kattoliċi, ħeġġeġ l-istudju u t-tixrid tal-Bibbja fl-Enċiklika tiegħu* "Providentissimus" (1893). *Għalhekk fil-pajjiżi sew Kattoliċi kemm Protestanti ssib il-Bibbja mxerrda fl-idejn bħala ktieb ta' l-aqwa devozzjoni, bħala l-akbar u l-ogħna wirt tal-Bniedem. Imma f'Malta?*

*Malta, "cattolicissima e nobilissima", għad m'għandhiex traduzzjoni officjali tal-Kelma ta' Alla għal idejn il-poplu u għal*

*fuq il-pulptu. It-traduzzjonijiet tad-dilettanti Ġ. Muscat Azzopardi, Dun Pietru Pawl Grima, is-Sur Fons Marija Galea, sbieħ bħala qari imma m'għandhomx dik l-awtorità li jista' jkollhom biss meta jsiru minn studjuż għaref fil-Lhudi, Aramajk, u Grieg. Żewġ studjużi Maltin biss naf li nistgħu nsejħulhom "awtorità" għall-Bibbja: u dawn huma l-Professur Serafin Zarb O.P., u l-Professur P. P. Saydon. Minn dawn il-Professur Saydon li hu Professur tal-Bibbja, Lhudi u Grieg Bibliku fl-Università tagħna, diġà ħareġ il-Pentatewku u kotba oħra u biex jibda joħroġ l-oħrajn jonqsuh biss il-kuraġġ u l-apprezzament tal-pubbliku Malti u ta' min imexxih fil-għażla tat-tajjeb. Kien bil-ħsieb li nuru kemm tiswielu xogħol din it-traduzzjoni li aħna stedinnieh biex jiktbilna l-artiklu li intom ser taqraw f'dan il-għadd tal-"Leħen".*

*Ilu li wasal iż-żmien li l-Maltin, bħall-Kattoliċi tal-Ingilterra u ta' Franza, ikollhom huma wkoll it-traduzzjoni uffiċjali tal-Bibbja bil-Malti u mhux kulħadd joħroġ traduzzjoni kif tiġih f'rasu. U aħna ma nafu b'ħadd li bħall-Professur Saydon jiġbor il-kwalitajiet kollha meħtieġa li jinsabu fih bħala (1) studjuż tal-Ilsna Semitiċi u l-Grieg Bibliku, (2) bħala Professur tal-Lhudi u l-Grieg Bibliku mixħut fuq il-professorat biss, u (3) bħala mgħallem tal-kitba Maltija.*

*Ħafna donnhom ma jifhmux kemm xogħol u reqqa u responsabiltà titlob it-traduzzjoni tal-Bibbja; ħafna donnhom lanqas jagħtuha l-importanza li ħaqqha lill-Kelma t'Alla u tħoss li jibżgħu minnha, u, injoranti, idawruha b'dawk ir-riżervi, tlaqliq u sospetti li jġagħlu lil xi wħud jaħsbu li l-Bibbja mhix ktieb għall-idejn; li l-Bibbja fiha xi ħaġa skandaluża bħall-kitba ta' D'Annunzio u ta' Balzac. Min aktar mix-Xitan jaqbillu jiċċensura l-Kelma t'Alla?* "Omnia munda mundis!" *In-nodfa ma jitħammġux bil-Bibbja; jekk jitħammġu qalbhom mhix għamara t'Alla, u ruħhom bejta ta' l-Infern. Min hu dak l-ibleh li jitmeżmeż mis-sinċerità tal-Bibbja? Ulied is-Seklu tat-*Taikies *u l-*Operetti *huma tabilħaqq ulied id-dlam. Bħal ħnieżer jissaħħmu fil-ħama ta' l-Ipokrisija. X'jista' jaħti ħlief dil-mentalità lura li Malta Kattolika għadha sal-lum mingħajr it-traduzzjoni uffiċjali tal-Bibbja? X'jaħti ħlief dil-mentalità li għandna fostna l-Professur Saydon li beda dan ix-xogħol mhux taċ-ċajt, u l-ebda ftit tal-qalb, l-ebda wirja ta' għożża minn ħadd biex hu jagħti lill-Knisja Kattolika ta' Malta t-traduzzjoni uffiċjali tal-Bibbja? Ħafna*

*tarahom jitmeżmżu għax M. A. Vassalli, imqabbad miċ-"Church Missionary Society", qaleb għall-Malti (u x'Malti tajjeb!) il-"Quatuor Evangelia et Actus Apostolorum" (Londra 1829 u Malta 1847).* (1) *Aħna ma rridux naqbżu għal M. A. Vassalli f'din il-ħaġa. Irridu ngħidu li hu għamel ħażin, ukoll jekk kien fil-bżonn, meta għen lill-Protestanti fil-missjoni tagħhom. Imma waqt li nħallu l-aħħar ġudizzju fuq ruħ Vassalli f'idejn Alla, ma nistgħux ngħidu li kienu għorrief ta' dehen u għaqal dawk l-Insara u l-aktar l-awtoritajiet ta' dik il-ħabta u l-oħrajn urajhom, li x-xogħol setgħu għamluh huma qabel il-Protestanti u baqgħu ma għamluhx sal-lum.*

*Bħala poplu, aħna għażżenin. Ix-xemx taħraq wisq. Studji profondi u inizjattiva mhumiex ir-regola tal-Maltin. Ir-regola hi l-pompa u l-medjokrità inkurunata reġina f'kull fergħa tal-ħajja tagħna nazzjonali. Kemm kien ikun aħjar għall-ġieh tagħna Kattoliċi Maltin li kieku konna nistgħu ngħidu, bħall-Ġermaniżi Nsara kontra t-traduzzjoni magħmula minn Luteru, bħall-Kardinal Gasquet kontra t-traduzzjoni magħmula minn Wycliff, li qabel it-traduzzjoni ta' dawn il-Protestanti kien hemm oħrajn magħmula mill-Kattoliċi!*

*Mhux biex naqilgħu l-ħama ta' l-imgħoddi, u lanqas biex inweġġgħu ma qegħdin infakkru din il-paġna sewda ta' l-Istorja reliġjuża Maltija, imma biex inqajmu mill-għażż il-Kosjenza Nisranija tal-lum, lil min imissu jifhem li pajjiż bla Bibbja tradotta, bħalma hemm kullimkien, jixbah ħafna lill-uffiċċju ta' avukat mingħajr il-kotba tal-liġi.*

*Il-Professur Saydon jiġbor fih il-kwalitajiet kollha meħtieġa ta' studjuż u kittieb. Sejjer jerġa' jingħad il quddiem li fis-Seklu XX, żmien meta l-għajnejn messhom kienu miftuħin għal kollox, ulied id-dawl urew inqas dehen, għaqal, ħila u studju minn ulied id-dlam?*

---

(1) Għat-traduzzjonijiet tal-Bibbja ta' M. A. Vassalli ara *"Vassalli and his Times"*, miktub minn A. Cremona (1940), u l-artiklu tal-Professur P. P. Saydon *"The Earliest Biblical Translation from Hebrew into Maltese"* fil-*"Journal of the Malta Univeristy Literary Society"*, Vol. 2, pp. 526-536.